MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Numru 556/2004

PULIZIJA
(SPETTUR JOSEPH MERCIECA)

VS

TAHER SULEIMAN BEZMAZEN

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Taher Suleiman Bezmazen, ta’ tnejn u erbghin sena , bin Suleiman u Sada nee Arebi, imwieled Yefrem, Libja fl-1 ta’ Dicembru 1962 u residenti fi flat minghajr numru, Sea

Eagle Court, Triq Andrew Cunningham, Qawra u li huwa detentur tal-passaport Libjan numru 919558;

Talli fit-3 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' fil-ghodu, gewwa Sea Eagle Court, Triq Andrew Cunningham, Qawra ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Khaled Elarbi Elgeriani ai termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ferita gie maghmula b'arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez ai termini tal-Artikol 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U talli fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern, jew kontra l-persuna jew id-delitt ta' serq jew hsara lill-proprjeta', kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmi Khaled Elarbi Elgeriani ai termini tal-Artikoli 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat qieghed jghaddi proceduri kriminali akkuzat li kkaguna feriti gravi fuq persuna ohra b'arma li taqta', cioe sikkina, u tal-pussess tal-istess arma.

Mill-provi jirrizulta li nhar it-3 ta' Lulju, 2004, il-Qawra, l-imputat u Khaled Elarbi Elgeriani kellhom xi jghidu b'mod pjuttost vjolenti u tal-ahhar safa' ferut b'daqqiet ta' sikkina. Dawn il-feriti izda irrizultaw li kienu gravi per durata, kif dehru li qablu l-partijiet skond il-verbal tal-14 ta' Lulju,

2004, u mhux gravi kif indikati fl-akkuza. Jirrizulta wkoll li dawn il-feriti gew ikkagunati mill-imputat, kif ammetta hu stess sew fix-xhieda tieghu kif ukoll fl-istqarrija moghtija u kkonfermata minnu mal-pulizija ftit hin biss wara l-incident.

Allura x’wassal ezatt biex dan l-incident sehh?

L-imputat xehed minn jeddu li Elgeriani kellu jhallas xi flus lill-imputat ta’ xi xoghol ta’ kostruzzjoni li l-istess imputat kien ghamel ghal din il-persuna. Ghalkemm gie mitlub diversi drabi, dan Elgeriani jidher li baqa’ ma hallasx lill-imputat. Barra min hekk, izda, l-imputat xehed ukoll li Elgeriani beda jirrikattah u jghid li kien se jirrappurtah lill-awtoritajiet maltin ghax kien qieghed Mala bla pemess. Hawnhekk, jidher li d-dizgwid bejn iz-zewg partijiet hrax mhux ftit, sakemm ikkulminat fi glieda u l-feriment ta’ Elgeriani gia indikat hawn fuq.

Id-difiza ssostni li l-imputat ta’ daqqiet ta’ sikkina lil Elgeriani bhala “self defense” peress li dan ta’ l-ahhar allegatament gie ghalih id-dar tieghu b’hadida f’idu. Kien ghalhekk li, skond id-difiza, l-imputat ghamel li ghamel, ghax iddefenda ruhu minn dan l-allegat attakk fuqu. Dan il-fatt, tkompli tghid id-difiza, huwa kkorroborat kemm mill-istqarrija tal-imputat, kif ukoll mix-xhieda tieghu, u l-Qorti hawnhekk taqbel mad-difiza.

Il-vittma midruba, mill-banda l-ohra, ghazlet li ma tixhedx f’dawn il-procduri, peres illi hemm proceduri kriminali pendenti kontra tieghu ghall-istess incident quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.L-unika xhud okulari min-naha tal-prosekuzzjoni kienet is-siehba tal-vittma, Mandy Bezzina. Din stqaret li kemm hi kif ukoll Elgeriani marru ghand l-imputat, biex jitkellmu. Hi qalet li ma rat xejn f’idejn Elgeriani, l-ebda hadida jew strument jew arma ohra. Hi baqghet fil-karozza, u bir-rispett kollu lejha, tat verzjonijiet tal-incident li mhux dejjem kienu konsistenti. Madanakollu, il-Qorti m’hijiex tal-fehma li din ix-xhud kienet in mela fede, izda biss li kienet fi stat kemmxejn konfuzjonali wara l-incident fejn indarab is-sieheb taghha. Pero ix-xhieda taghha ftit li tista’ verament tghin sabiex il-Qorti tasal ghall-verita’ ta’ kif gara l-incident.

A kuntrarju ta' dan, l-imputat wera hafna izjed kredibilita' u konsistenza fil-komportament tieghu fl-Awla tal-Qorti u fix-xhieda tieghu, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax ma taghtix aktar piz lill-verzjoni moghtija mill-istess imputat mill-verzjoni moghtija mill-unika xhud okulari tal-prosekuzzjoni. Kif irrileva tajjeb l-avukat difensur tal-imputat, din il-kwistjoni tal-kredibilita' tax-xhieda timmitiga hafna favur l-imputat u kwalunkwe dubju ghandu ghalhekk ukoll imur favur tieghu. Ghalhekk il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-imputat m'huwiex hati tal-ewwel akkuza.

Fil-konfront tat-tieni akkuza, dik tal-pussess ta' ama ai termini tal-Kap 66, din tirrizulta ppruvata ex admissis mill-istess stqarrija u xhieda tal-imputat, u ghalhekk fuq din l-akkuza ghandha tigi applikata  l-piena komtemplata mil-ligi peress illi l-Qorti qieghda ssib htija fl-imputat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 216 (1) (d) u 217 tal-Kap 9 u l-Artikolu 26 tal-Kap 66, filwaqt li ma ssibx l-imputat hati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha, ssib lill-istess imputat hati tat-tieni akkuza u tikkundannah ghat-terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn.

In oltre tordna l-hrug ta' garanzija ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta favur Khaled Elgeriani u hekk torbot lill-istess imputat b'dan l-obbligu ai temini tal-Artikolu hawn fuq citat, taht penali ta' (LM100) mitt lira Maltin, ghall-perjodu ta' tnax –il xahar.

Tordna wkoll il-konfiska tal-arma tad-delitt uzata fil-kaz in ezami.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------